

Il-Ġurnal Uffiċjali C 110

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 53

29 ta' April 2010

Avviż Nru	Werrej	Paġna									
<p>II Informazzjoni</p> <p>INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA</p> <p>II-Kummissjoni Ewropea</p> <tr> <td>2010/C 110/01</td> <td>Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5763 – Dassault Systemes/IBM DS PLM Software business) ⁽¹⁾</td> <td>1</td> </tr> <tr> <td colspan="3"> <p>IV Avviżi</p> <p>AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA</p> <p>II-Kunsill</p> <tr> <td>2010/C 110/02</td> <td>Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' April 2010 li taħtar il-membri u l-membri supplenti Taljani tal- Kunitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol</td> <td>2</td> </tr> </td></tr>			2010/C 110/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5763 – Dassault Systemes/IBM DS PLM Software business) ⁽¹⁾	1	<p>IV Avviżi</p> <p>AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA</p> <p>II-Kunsill</p> <tr> <td>2010/C 110/02</td> <td>Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' April 2010 li taħtar il-membri u l-membri supplenti Taljani tal- Kunitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol</td> <td>2</td> </tr>			2010/C 110/02	Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' April 2010 li taħtar il-membri u l-membri supplenti Taljani tal- Kunitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	2
2010/C 110/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ COMP/M.5763 – Dassault Systemes/IBM DS PLM Software business) ⁽¹⁾	1									
<p>IV Avviżi</p> <p>AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA</p> <p>II-Kunsill</p> <tr> <td>2010/C 110/02</td> <td>Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' April 2010 li taħtar il-membri u l-membri supplenti Taljani tal- Kunitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol</td> <td>2</td> </tr>			2010/C 110/02	Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' April 2010 li taħtar il-membri u l-membri supplenti Taljani tal- Kunitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	2						
2010/C 110/02	Deċiżjoni tal-Kunsill tad-19 ta' April 2010 li taħtar il-membri u l-membri supplenti Taljani tal- Kunitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol	2									

Prezz:
3 EUR

(¹) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

Il-Kummissjoni Ewropea

2010/C 110/03	Rata tal-kambju tal-euro	3
---------------	--------------------------------	---

V *Opinjoni*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Kummissjoni Ewropea

2010/C 110/04	Sejħa għal proposti 2010 – Proġett pilota dwar l-iżvilupp tal-attivitajiet ta' prevenzjoni sabiex titwaqqaf id-deżertifikazzjoni fl-Ewropa	4
---------------	--	---

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO)

2010/C 110/05	Avviż ta' kompetizzjonijiet ġenerali	5
---------------	--	---

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2010/C 110/06	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5796 – Eni/Mobil Oil Austria) ⁽¹⁾	6
2010/C 110/07	Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.5874 – Barclays/Blackstone/Portfolio Hotels) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata ⁽¹⁾	7



⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

II

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata**(Każ COMP/M.5763 – Dassault Systemes/IBM DS PLM Software business)****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2010/C 110/01)

Fid-29 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq komuni. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)b tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsimha tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
 - fforma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32010M5763. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.
-

IV

(Avviżi)

AVVIŻI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUNSILL

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tad-19 ta' April 2010

li taħtar il-membri u l-membri supplenti Taljani tal- Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

(2010/C 110/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/C 218/01 tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-lista ta' kandidati ppreżentata lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri,

Billi:

- (1) fid-Deċiżjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2010 ⁽²⁾, il-Kunsill ħatar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2010 sat-28 ta' Frar 2013, ħlief għal ċerti membri u membri supplenti, inklużi l-membri u membri supplenti Taljani għall-kategoriji tal-gvern, għaqdiet tal-ħaddiema u l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem;
- (2) il-Gvern Taljan ippropona l-kandidati għall-positijiet vakanti,

IDDEĊIEDA LI:

Artikolu uniku

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri u membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq

il-Post tax-Xogħol għall-perjodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2013:

I. Rappreżentanti tal-gvern

Membri	Membri Supplenti
Is-Sur Giuseppe Umberto MASTROPIETRO	Is-Sur Lorenzo FANTINI Is-Sur Mauro FRANCIOSI

II. Rappreżentanti tal-għaqdiet tal-ħaddiema

Membri	Membri Supplenti
Is-Sinjura Gabriella GALLI	Is-Sur Sebastiano CALLERI Is-Sinjura Cinzia FRASCHERI

III. Rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem

Membri	Membri Supplenti
Is-Sinjura Fabiola LEUZZI	Is-Sur Giorgio RUSSOMANNO Is-Sur Pier Paolo MASCIOCCHI

Magħmul fi-Lussemburgu, id-19 ta' April 2010.

Għall-Kunsill

Il-President

E. SALGADO

⁽¹⁾ ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 45, 22.2.2010, p. 5.

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

It-28 ta' April 2010

(2010/C 110/03)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3245	AUD	Dollaru Awstraljan	1,4343
JPY	Yen Ġappuniż	124,48	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3402
DKK	Krona Daniża	7,4423	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,2883
GBP	Lira Sterlina	0,87080	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,8475
SEK	Krona Żvediża	9,6258	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,8198
CHF	Frank Żvizzeru	1,4341	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 481,87
ISK	Krona İzlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	9,8907
NOK	Krona Norveġiża	7,8750	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	9,0401
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,2510
CZK	Krona Ċeka	25,570	IDR	Rupiah Indoneżjan	11 979,43
EEK	Krona Estona	15,6466	MYR	Ringgit Malajżjan	4,2616
HUF	Forint Ungeriż	269,90	PHP	Peso Filippin	59,338
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	38,8205
LVL	Lats Latvjan	0,7080	THB	Baht Tajlandiż	42,841
PLN	Zloty Pollakk	3,9315	BRL	Real Brażiljan	2,3308
RON	Leu Rumun	4,1370	MXN	Peso Messikan	16,3284
TRY	Lira Turka	1,9860	INR	Rupi Indjan	59,1320

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Opinjoni)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Sejħa għal proposti 2010 – Proġett pilota dwar l-iżvilupp tal-attivitàjiet ta' prevenzjoni sabiex titwaqqaf id-deżertifikazzjoni fl-Ewropa

(2010/C 110/04)

1. L-Unità għall-Ħarsien tal-Ambjent tal-Ilma fi ħdan id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea, qiegħda tnedi Sejħa għal Proposti bil-għan li jiġu identifikati 3 sa 5 proġetti eliġibbli għall-appoġġ finanzjarju, li jħeġġu l-azzjoni rigward id-deżertifikazzjoni u n-nixfiet fil-baċiri tax-xmajjar fuq bażi sperimentali, u li jikkontribwixxu għall-iskambju tal-aqwa prattiki fuq il-livell lokali fir-rigward ta' erba' kwistjonijiet, bħalma huma l-konservazzjoni tal-ilma tax-xita u l-ilma tal-wieċ, forom alternattivi ta' tisqija, miżuri għall-iffrankar tal-ilma/effiċjenza tal-ilma u ghejjel li jikkunsmaw inqas ilma. Il-proġetti pilota huma proġetti ta' wiri maħsuba biex jittestjaw teknoloġiji, tekniki jew prattiki ddiżinjati speċifikament. Se jkollhom juru l-potenzjal għall-iffrankar tal-ilma għat-titjib tal-kundizzjonijiet umani u ambjentali f'reġjuni differenti tal-Unjoni Ewropea, bl-użu ta' approċċi b'kostijiet baxxi.

2. Il-kriterji għall-eliġibbiltà, ir-reġjuni ta' prijorità, is-setturi ekonomiċi kkonċernati, it-tul taż-żmien kif ukoll il-kundizzjonijiet għall-finanzjament huma stipulati fil-Gwida tal-Applikazzjoni għall-Għotja rilevanti li fiha wkoll struzzjonijiet dettaljati dwar fejn u meta għandha titressaq proposta. Il-gwida, kif ukoll il-formoli tal-applikazzjoni rilevanti għall-għotja jistgħu jitniżżlu mill-websajt Europa:

http://ec.europa.eu/environment/funding/grants_en.htm

3. Il-proposti għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni fl-indirizz indikat fil-Gwida dwar l-Applikazzjoni għall-Għotja sat-30 Ġunju 2010. Il-proposti għandhom jitwasslu bil-posta jew bil-courier privat mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010 (l-evidenza għandha tkun id-data ta' meta ntbagħtet, il-marka tal-posta jew id-data tal-formola tad-depożitu). Jistgħu wkoll jitwasslu personalment fl-indirizz speċifiku indikat fil-Gwida mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010 fil-17.00 (l-evidenza għandha tkun il-konferma tal-irċevuta ddatata u ffirmata mill-uffiċjal responsabbli).

Mhumiex se jiġu aċċettati l-proposti mibgħuta bil-feks, bil-posta elettronika, applikazzjonijiet mhux kompluti, applikazzjonijiet mibgħuta f'diversi partijiet, kif ukoll applikazzjoni mibgħuta wara d-data tal-għeluq għat-tressiq.

4. Il-proċedura għall-allokazzjoni tal-għotjiet hija skedata kif ġej:

- il-wasla, ir-reġistrazzjoni tal-wasla u l-konferma tal-wasla min-naħa tal-Kummissjoni;
- valutazzjoni tal-proposti mill-Kummissjoni;
- id-deċiżjoni dwar l-għotja u n-notifika tar-riżultat lill-applikanti.

Il-benefiċjarji se jintgħażlu abbażi tal-kriterji stipulati fil-gwida u fil-limiti tal-baġit disponibbli.

Fil-każ ta' approvazzjoni mill-Kummissjoni, għandu jiġi konkluż ftehim dwar l-għotja (imħejji f'Euro) bejn il-Kummissjoni u l-parti li tkun ressqet il-proposta.

Il-proċedura hija strettament kunfidenzjali.

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦALL-GĦAŻLA TAL-PERSUNAL (EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONIJIET ĠENERALI

(2010/C 110/05)

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza dawn il-kompetizzjonijiet ġenerali:

- EPSO/AD/178/10 – Kariga ta' Bibljotekarju/Xjenza tal-Infommazzjoni
- EPSO/AD/179/10 – Awdjoviżiv
- EPSO/AD/180/10 – Sigurtà tas-sistemi ta' Infommazzjoni (INFOSEC)
- EPSO/AD/181/10 – Liġi tal-kompetizzjoni
- EPSO/AD/182/10 – Ekonomija tal-industrija

L-avviż tal-kompetizzjoni huwa ppubblikat fi 23 lingwa f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 110 A tad-29 ta' April 2010.

Għal iktar infommazzjoni kkonsulta s-sit tal-EPSO <http://eu-careers.eu>

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5796 – Eni/Mobil Oil Austria)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2010/C 110/06)

1. Fl-20 ta' April 2010 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta għal konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Agip Austria GmbH ("Agip Austria", l-Awstrija) li hija kompletament ikkontrollata minn Eni S.p.A. ("ENI", l-Italja) takkwista skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ ta' Mobil Oil Austria GmbH ("Mobil Oil Austria", l-Awstrija), li hija kollha kemm hi proprjetà ta' ExxonMobil Central Europe Holding GmbH ("EMCEH", il-Ġermanja), permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
 - għal ENI: esplorazzjoni u produzzjoni ta' gass naturali, forniment ta' gass naturali, trażmissjoni, ħażna, distribuzzjoni u kummerċ, esplorazzjoni u produzzjoni taż-żejt,
 - għal Mobil Oil Austria: kummerċjalizzazzjoni, forniment u distribuzzjoni ta' prodotti taż-żejt raffinat.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5796 – Eni/Mobil Oil Austria, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5874 – Barclays/Blackstone/Portfolio Hotels)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2010/C 110/07)

1. Fl-21 ta' April 2010, il-Kummissjoni rċiviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tiegħu l-impriża Barclays Bank PLC ("Barclays", ir-Renju Unit) u Hilton Hotels Corporation ("Hilton", ir-Renju Unit), li huma kkontrollati mill-Blackstone Group ("Blackstone", "L-Istati Uniti tal-Amerika") jakkwistaw skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-grupp ta' tmien (8) lukandi Ewropej (the Portfolio Hotels), li fil-preżent huma konġuntament ikkontrollati minn Morgan Stanley Real Estate Fund VI International-T, L.P. ("MSRF", l-Istati Uniti tal-Amerika) u minn Hilton, permezz ta' taħlit ta' xiri ta' ishma u assi.
2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:
 - għal Barclays: impriża li tipprovdi servizzi finanzjarji globali impenjata f'attivitajiet bankarji għall-klijenti ġenerali u attivitajiet bankarji kummerċjali, karti ta' kreditu, investiment bankarju, ġestjoni tal-ġid u servizzi ta' ġestjoni tal-investment,
 - għal Blackstone: ġestjoni globali alternattiva tal-assi u l-għoti ta' servizzi ta' konsulenza finanzjarja.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet ⁽²⁾ ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fl-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex iressqu kwalunkwe kummenti li jistgħu jkollhom dwar it-tranżizzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5874 – Barclays/Blackstone/Portfolio Hotels, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 56, 5.3.2005, p. 32 ("Avviż ta' proċedura simplifikata").

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 100 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	770 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	300 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġhti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

